MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 744/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**JEFFREY CHETCUTI ta' 37 sena, iben Saviour u Hilda nee' Bonsfield, imwieled il-Mosta nhar it-22 ta' April, 1974, residenti fil-fond numru 39, St Helen Street, Ta' Pinellu, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 215774M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jeffrey Chetcuti** li gie akkuzat talli:

Fil-Gzira, nhar it-18 ta' Novembru, 2001, ghall-habta tal-4.00am, ikkaguna feriti ta' natura gravi per durata fuq il-

persuna ta' Zorica Stevanovic kif iccertifika Dr Anthony Gatt MD (Sec 216 Chap 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor (Sec 338 Chap 9).

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat li aktar tard, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

1. L-Artikoli 214, 216, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. L-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. L-Artikoli 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. L-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-provi kollha.

Rat ukoll il-verbal tal-partijiet tat-2 ta' Frar, 2010, fejn il-partijiet ezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi mill-gdid.

Ikkunsidrat ukoll illi quddiem din il-Qorti kif preseduta, xehed anke minn jeddu l-imputat.

Xehdet ghalhekk certa Mariana Fujako bil-lingwa Ngliza. Qalet illi kienet qieghda tistenna fil-karozza ta' habiba taghha Zorica li kienet go polyclinic wara ncident li kellha gewwa San Giljan. Qalet illi waqt li kienet hekk qed

tistenna, in-nies li attakkaw lill-habiba taghha wkoll waslu l-polyclinic. Xehdet li mara u ragel hargu mill-karozza u dahlu gol-polyclinic. Wara ftit harget habibitha segwita minn din l-istess mara.

Skondtha kemm din il-mara kif ukoll ohra li kienet fil-karozza bdew isegwu lil habibitha u jghajtu maghha. Xehdet illi anke hareg ragel mill-polyclinic li beda jigri lejn habibitha u jghidilha li kien ser joqtolha, attakkaha wkoll billi ghawgilha jdejha. Gharfet lil dan bhala l-akkuzat. Xehdet illi habibitha giet imdawra minn nies l-ohra. Xehdet illi kien hemm hafna storbju u li hadd ma gie jghin lill-habiba taghha waqt li habibitha bdiet tghajjat ghall-ghajnuna, mentri l-ohrajn bdew jghajtu u jsawtuha. Xehdet illi dan l-incident dam bejn ghaxar ghal tnax-il minuta. Qalet illi wara marret ghand it-tabib li kien barra l-bieb li qallha biex tidhol gewwa, waqt li l-ohrajn baqghu jghajtu maghha. Ix-xhud qalet ukoll illi originarjament Zorica kienet marret il-klinika minhabba griehi li kienet sofriet qabel gewwa Paceville. Kienet certa wkoll illi kien l-imputat li fil-fatt dawwar idejn il-habiba taghha, ghalhekk Zorica griet lejn it-tabib biex issib kenn. Xehdet illi waqt l-attakk Zorica kienet ma’ l-art kagun tal-fatt li kienet hekk imbuttata, anzi migbuda ma’ l-art. Qalet illi fl-Isptar San Luqa lill-habiba taghha qalulha li kellha jdejha miksura.

In kontro ezami qalet illi qabel kienet ma’ habibitha gewwa Salsa Club u hemm ma xorbot/xorbu xejn. Qalet illi marru f’dan il-club biex hi tiltaqa’ ma’ habib taghha. Kien hawn li Zorica marret tfittex lil martu. Hawn rat mara tigbed xaghar habibitha, mara li kienet fil-bar, anke li l-ohra “give a glass to her” (folio 24). Qalet pero li hi ma kinitx rat il-glieda tibda. Ammettiet li Zorica maghha qalet li hi gibdet xaghar l-ohra. Xehdet illi meta hargu mill-bar habibitha biss kienet imwegga’.

Xehdet illi barra l-policlinic Zorica waqghet ma’ l-art ghaliex sawtuha, ghaliex kollha mbuttawha, pero ma setghetx tghid min kien ghamel dan. L-unika haga li qalet fuq l-imputat kienet li ratu jdawrilha jdejha.

Fis-Salsa Bar qalet li l-akkuzat kien fil-kumpanija ta’ sitta minn nies ohra.

Mistoqsija darba l-Gzira jekk Zorica ghamlitx xi haga lin-nies li attakkawha biex tipprovoka dan l-attakk, wiegbet fin-negattiv.

Xehed ukoll Stephen Camilleri dwar l-incident fil-policlinic fejn qal illi kienu qed jistennew lill-hbieb taghhom Jeffrey u Claudine Chetcuti. Kienu hu, Stephen Grima, Nicolette Sammut, u Marylou Arpa. Spjega li qabel kien inqala’ incident meta kienu dawn il-hbieb go bar, giet mara u hebbet ghall-mara ta’ Jeffrey. Qal illi hadd minnhom ma kien kellimha jew ittantaha, pero qabdet tkellimha hazin, cioe’ vulgari bl-Ingliz. Zied illi f’daqqa u l-hin qalaghtilha zewg ponnijiet xaghar minn rasha ghalxejn b’xejn. Zied illi allura Jeffrey u l-mara tieghu spiccaw ghand it-tabib, il-policlinic. Hemm ra li kien hemm dawn iz-zewg tfajliet, wahda minnhom li kienet attakkat lis-Sinjura Chetcuti. Hawn regghet qabdet fiha u Jeffrey pprova jifridhom, bdew jissaraw u skond ix-xhud din il-mara barranija waqghet ma’ l-art. Innega li Jeffrey pprova jhebb ghal Zorica. Qal illi hu pprova jikkalma lil Jeffrey Chetcuti ghaliex kien inkwetat hafna li s-Sinjorina ghat-tieni darba regghet aggrediet lill-mara tieghu.

Qal illi s-Sinjorina waqghet x’hin Jeffrey pprova jnehhi lis-Sinjorina minn mal-mara tieghu.

Xehed illi meta harget mill-clinic bdiet tghid diskors bhal “You fuckin Maltese busted (recte bastard).” (folio 44), u li regghet hebbet ghal Claudine Chetcuti ezatt wara li harget.

Stephen Grima wkoll xehed dwar il-fatt illi Jeffrey u l-mara tieghu kellhom xi griehi u ghalhekk marru l-policlinic tal-Gzira. Qal illi hemm rega’ kellhom incident iehor ma’ l-istess persuna li kellhom skondtu incident maghha Paceville. Qal illi fuq parir tal-pulizija minhabba li Claudine Chetcuti kellha griehi f’rasha, marru l-policlinic. Hemm waqt li kien barra, l-istess persuna li kellhom incident maghha gewwa Paceville, offendiethom bl-Ingliz. Kif din il-

persuna rat lil Claudine, din il-persuna marret fuqha u qabditha minn xagharha. Xehed ukoll illi qabel, meta kienu fil-bar, din offendiethom bl-Ingliz; fil-pront marret tigri fuq Claudine u bdiet iggebbdilha xagharha. Innega li l-mara ta’ Jeffrey kienet xorbot. Qal illi hu u Stephen kienu qed jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, waqt illi Jeffrey kien qieghed jipprova jaqlaghha minn go xaghar martu. Kienu qed jippruvaw allura jaqalghu lis-Sinjorina minn xaghar Claudine Chetcuti. Qal illi kien meta waqghet li telqet xaghar Claudine. Qal illi hdejn il-clinic din it-tfajla kellha tfajla ohra maghha li pero ma ntervjenietx. Xehed illi hu ra lil Zorica taqa’ ma’ l-art x’hin Jeffrey ipprova jaqlaghha minn ma’ ras Claudine.

Nicolette Sammut ukoll xehdet dwar il-fatt illi kienu marru l-policlinic ghax Claudine kien waqaghlha xagharha bill-gbid u ghax Jeffrey kellu wiccu migruf bid-daqqiet. Qalet illi waqt li dawn kienu l-policlinic, huma qaghdu bil-qieghda barra jistennewhom. Nizlet din it-tfajla li ndirizzathom bil-lingwa Ngliza. Din ix-xhud tghid illi marret fuqha u staqsietha ghalfejn kienet qed taghmel hekk, regghet rat lil Claudine hierga mill-klinika u regghet qabditilha xagharha. Xehdet illi Jeffrey pprova jaqlaghha minn maghha, kien hawn li waqghet ma’ l-art. Xehdet dwar l-incident primarju tal-bar fejn Claudine giet attakkata minn din il-mara. Waqqaghtha minn fuq il-banketta tant li kaxkritha ma’ l-art. Qalet illi l-pulizija qalulhom biex izommu x-xaghar bhala evidenza. Ma kinitx taf jekk hdejn il-policlinic, il-mara waqghetx wahidha jew gibidha xi hadd. Qalet pero li x’hin waqghet Jeffrey kien hdejhom, jipprova jaqla’ lis-Sinjorina minn ma’ martu. Xehdet ukoll fuq id-diskors baxx li ghajritha bih din it-tfajla l-ewwel darba li ratha fil-bar.

Xehdet ukoll minn naha taghha Zorica/Zorista Stefanovic. Qalet illi xi hadd kien hadilha l-gakketta u l-basket u nsistiet li jroddhomlha lura. Tkellmet fuq nies li riedu jattakkawha. Hi giet imbuttata barra mill-bar. Qalet illi hi qatt ma kienet iltaqghet ma’ dawn in-nies. Qalet illi fil-bidu hi kellha biss griehi hfief ikkagunati minn Jeffrey meta attakkaha gol-bar. Darba li kienet gol-policlinic, kif harget minghand it-tabib, hemm regghet rat lil Jeffrey u lil martu jistennew ukoll biex jigu ezaminati. Qalet illi gharfuha u li

hu - Jeffrey, ghajjarha ‘Russian whore’ (folio 70). Qalet illi din baqghet tigri warajha anke barra. Xehdet ukoll illi “little girl” anke bdiet ittieha. Aktar tard tiddeskriviha bhala “smaller”, u li lil din imbuttatha. Kien hawn li Jeffrey Chetcuti hareg skondtha jigri mill-klinika u hawn beda jghidilha li kien ser joqtolha u beda jsawwatha, qalet illi beda jzommha minn idejha u kien hawn meta rnexxielha tinhall li waqghet fuq il-warrani taghha. Kellha jdejha miksura. Innegat li hi kienet xorbot xi alcohol. Xehdet illi hi ma kinitx taf lill-familja Chetcuti.

Dwar l-incident tal-bar qalet illi hi kienet marret hemm ma’ habibitha u marret tfittex lill-mara tal-habib taghha. Hemm rat grupp ta’ nies u hasbet li wahda minn dan il-grupp kienet il-mara li kienet qieghda tfittex. Din meta ratha thares lejha kellmitha hazin u hi rrispondietha lura bl-istess mod. Xehdet illi l-mara ta’ l-imputat garatilha tazza u kien hawn li z-zghira gibditilha xagharha. Ammettiet illi hi allura bdiet tigbed xaghar il-mara ta’ l-imputat. Qalet illi Jeffrey anke taha bil-ponn. Hawn qalet illi “I had fight Jeffrey.” (folio 75), u anke li girfitlu wiccu. Hu minn naha tieghu “….but he punched me on my face like he is fighting a man.” (folio 75).

Dr Stefan Camilleri xehed illi hu kien ra lil certu Zorica Stefanovic gewwa l-Health Centre tal-Gzira lejn it-tlieta u nofs ta’ fil-ghodu – sa hawn kellha griehi ta’ natura hafifa. Zied illi raha dakinhar stess ftit wara, u issa minhabba l-griehi li kellha kien baghatha l-Isptar, dan ghax kienet kisret idejha. Qal illi din kienet qaltlu li dwar l-ewwel griehi kellha ncident ma’ koppja gewwa Paceville go nightclub. Malli din kienet hierga mill-clinic, zied jghid illi kien hemm koppja tistenna u malli kienet hierga, il-mara qalet xi haga lir-ragel u dan qam u mar warajha – gharfu bhala l-imputat. Xehed illi hareg jigri warajha. Qal illi hargu xi nies ohra mill-karozza li ccirkondawha. Raha tigi mbuttata, raha taqa’ ma’ l-art (folio 79). Ma kienx jaf pero jghid min kien imbuttaha. Ra lil xi hadd jaghtiha anke bis-sieq, dan kien ragel (folio 81).

Zied illi l-mara tal-koppja lir-ragel qaltlu xi haga bhal zommuha, u huma marru warajha (folio 85).

Xehed ukoll Mr Alex Sultana dan dwar il-griehi sofferti minn Zorica Stefanovic, li kkonferma li din kellha bzonn il-gibs minhabba ksur. Xehed illi fil-gibs ghamlet hdax-il gimgha ghax l-ghadam dam biex ghaqad.

L-akkuzat Jeffrey Chetcuti ghazel illi jixhed minn jeddu. Minhabba l-fatt illi din il-kawza tkompliet quddiem din il-Qorti kif preseduta, issa Chetcuti - b'ghazla tieghu u ta' l-Avukat Difensur tieghu, rega' ghazel illi jiehu l-pedana, biex b'hekk ikun xehed anke quddiem il-Magistrat Sottoffirmat - dejjem ghandu jigu precizat b'ghazla tieghu.

Spjega li kien ma' shabu fi stabbiliment gewwa Paceville jiehdu drink ma' bar. Jghid illi f'daqqa wahda telghet barranija li qatt ma kien ra qabel. Ra lil habiba Nicolette u lil martu jitkellmu maghha, jghid kwazi jilletikaw. Xehed illi f'daqqa wahda din il-barranija qabdet lil martu, gibditha bis-sahha minn xagharha, nizzlitha ma' l-art u kaxkritha qisu metru. Qal illi pprova jaqla' lil din il-mara barranija minn ma' martu u din l-estranea qabdet ixxejjer bil-ponn tant li girfitu f'wiccu u anke tatu bis-sieq.

Qal illi kienu l-pulizija li baghtuhom il-policlinic tal-Gzira. Spjega li martu kellha ponn xaghar nieqes minn rasha, mentri hu kellu daqqa ta' sieq u demm ma' wiccu. Qal illi minghand it-tabib tal-policlinic, darba li kienu issa hemm, harget din il-barranija li kif rathom bdiet toffendiehom 'You fuckin Maltese bastards." (folio 137). Qal illi hu u diehel ghand it-tabib biex tiddewwa martu, sema' ghajjat gej minn barra, nizel u hemm ra lill-barranija terga' tilletika u xxejjer bil-ponn lil Nicolette, anke lill-mara tieghu li issa kienet nizlet ukoll. Qal illi hu ma marx biex isawwat lill-barranija, imma biex ibieghdha minn martu, cioe' biex jiddefendi lil martu. Qal illi fil-konfuzjoni li kien hemm din waqghet u qabdet twerzaq u tghajjat. Qal illi sa fejn kien jaf hu ftit uza sahha biex iwarrabha minn ma' martu, u li ma kienx jaf li kien sawwatha.

Rega' xehed l-imputat wara hafna zmien, stante li ghal zmien twil, minhabba nuqqas ta' dehra ta' l-imputat f'din il-kawza, ma kien qieghed isir xejn. Rega' rrepeta fil-qosor

dak li kien xehed dwar l-incident tal-bar. Issa dwar l-incident tal-policlinic qal illi kif harget minghand it-tabib, din il-barranija qabdet ser terga' taqbad taghti u tghajjarhom u anke qaltilhom kliem baxx. Ghax beza' li kienet ser taqla' l-inkwiet ma' shabu li baqghu jistennew barra, allura qabel ma dahal ghand it-tabib, nizel ukoll isfel, hemm sema' storbju u raha tilletika ma' Nicolette u Mary Louise. Qal illi martu ntervjeniet biex tghidilha biex titlaq u din il-barranija regghet bdiet issawwat lil martu.

Irritjena li l-incident gewwa l-bar kien inqala' ghax il-barranija kienet ittantat lil martu b'kummenti sesswali.

Ikkonferma in kontro ezami li biex jevita l-incident ta' bejn il-barranija u martu kien imbuttaha u din waqghet ma' l-art, ikkonferma li dan ghamlu biex jaqlaghha minn maghha. Ikkonferma li hawn bdiet tghajjat bl-ugiegh, pero xehed illi ma kienx jaf li kisret idejha.

Ikkunsidrat:

Certament irrizultaw zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ta' dak li verament gara bejn il-barranija u l-grupp ta' nies li tieghu l-imputat kien jaghmel parti. Certament Stefanovic kienet sinciera bizzejjed biex tammetti li hi verament kellmet b'mod baxx liz-"zghira" u lill-mara ta' l-imputat. Tghid pero li dan ghamlitu meta huma minn naha taghhom kellmuha hazin – din tghid illi kienet avvicinathom ghax kienet qed tfittex mara ta' habib taghha. Dan almenu dwar l-incident li gara fil-bar.

Dan l-incident pero jiccentra dwar dak li gara l-Gzira u li minnu Stefanovic sofriet certament griehi ta' natura gravi.

Hawn l-imputat jghid illi meta harget mill-klinika, il-barranija bdiet taqbad taghti, tghajjarhom, u tghajjibhom. Dan qalu <u>**biss**</u> (enfasi tal-Qorti) it-tieni darba li xehed. L-ewwel darba qal illi meta rathom bdiet tghajjarhom "You fuckin Maltese bastards." Jghid fl-ewwel xhieda li meta mar biex jiddefendi lil martu (ghax skondtu regghet kienet imsawta mill-barranija), il-barranija waqghet. Fit-tieni xhieda issa jghid illi l-barranija vera bdiet issawwat lil

martu, ghalhekk hu kien imbuttaha biex allura jiddefendi lil martu.

Ix-xhud habiba tal-barranija, prezenti ghall-incident li gara barra l-policlinic tghid illi kien l-imputat li kien fil-fatt dawwar idejn sehbitha, sahansitra li anke heddidha li kien ser joqtolha.

Xhud ghal kollox estraneju Dr Stephen Camilleri, it-tabib tal-policlinic, xehed illi meta minghandu harget il-barranija, l-imputat mar warajha, anzi li hareg jigri warajha. Zied illi l-mara li kienet ma’ l-imputat qaltlu biex lil din izommuha u ghalhekk il-koppja (allura l-imputat u martu), marru ghal warajha barra. Hemm skond it-tabib tal-policlinic il-barranija giet imbuttata u anke moghtija bis-sieq minn nies li ccirkondawha.

Ikkunsidrat:

Illi certamenet din il-Qorti m’ghandha ebda dubbju liema verzjoni hija l-aktar wahda veritjiera, considerando l-fatt illi Chetcuti u martu minflok baqghu gol-klinika jiddewwew mill-griehi maghmula lilhom mill-barranija, kif rawha segwewha, u allura din regghet giet aggredita. Mhux talli hekk, talli t-tabib xhud ghal kollox indipendenti, allura qatt ma sema’ lill-barranija toffendi lill-kopja bl-ebda mod kif xehed ghal darbtejn (anke jekk b’mod differenti) Chetcuti.

Chetcuti minn naha tieghu jammetti li hu mbotta lill-barranija biex jiddefendi lil martu, mentri t-tabib kien car li kienet il-barranija li sofriet l-attakk. Dan anke gie kkonfermat minn Marianne Fujako.

Xejn m’ghandha aktar x’izzid il-Qorti ma’ dan, hlief illi ma ssibx il-verzjoni ta’ l-imputat xejn kredibbli, u ghalhekk qieghda ssibu hati tar-reati kif migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 214, 216, 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tigbed l-attenzjoni wkoll il-Qorti ghall-fatt illi hadd li jistieden hu l-inkwiet ma jista’ jressaq skuza ta’ difiza ta’ martu, u jiggustifika l-azzjonijiet tieghu b’hekk.

Dwar il-piena, ikkunsidrat it-tranell li ghadda minnu dan il-process, dan li nghata digriet tal-prima facie fis-sena 2010, wara digriet taghha datat 17 ta’ Novembru, 2010, stante li din il-kawza kienet u baqghet dejjem ta’ kompetenza ta’ Qorti Istruttorja.

Illi considerando d-data ta’ l-akkuza, u t-trapass taz-zmien, din il-Qorti ma thossx illi l-imputat ghandu jbaghti piena karcerarja stante li kkaguna griehi ta’ natura gravi.

Ghaldaqstant, qieghda tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija sospiza ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, anke wara li rat l-Artikolu 23, 17, u 31 ta’ l-imsemmi Kapitolu.

Rat ukoll l-Artikolu 383A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda torbtu b’obbligazzjoni ta’ sena ghas-somma ta’ €2,000 li bl-ebda mod ma jkellem, javvicina, jew jivvessa lil Zorica Stefanovic.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------